Mellieħa

21 ta' Settembru 2021

# IT-TMIEN KUNSILL

**AĠENDA Numru 31**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa**

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tipparteċipa fis-Seduta tal-Kunsill Lokali numru **31** li ser issir fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa nhar it-Tnejn 27 ta' Settembru 2021 fis-6.00 pm.

Din il-laqgħa ser tkun imxandra mis-sit: https://www.mellieha.gov.mt/live-streaming u r-*recording* tagħha jista' eventwalment jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/.

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

---

**AĠENDA**

31.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

31.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

31.3. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku;

31.4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

31.5. Sejħa għall-Offerti: MLC 3/2021 – Restawr ta' pedestal, niċċa u statwa tal-Madonna fil-Marfa, bħala parti mill- proġett (IACS) No. 239074;

31.6. MLC 3/2021 – Skema Komunitarja dwar Manuntenzjoni ta' Kompjuters Personali għal Persuni li għandhom ir-Residenza Ordinarja tagħhom fil-Lokalità tal-Mellieħa;

31.7. PA 2943/19 – Studju dwar l-Impatt Ambjentali – Żvilupp mill-ġdid ta' parti mill-lukanda Ramla Bay;

31.8. Tħejjijiet għal Jum il-Kunsill u Milied Mellieħi;

31.9. Rendikont Finanzjarju – April / Ġunju 2021;

31.10. Mozzjoni dwar ir-Rapport Annwali Amministrattiv 2020;

31.11. Mozzjoni dwar ir-riklassifikazzjoni ta' infieq minn kapitali għal rikorrenti;

31.12. Mozzjoni dwar il-kanċellament ta' ammonti ffatturati u aġġornament tal-valur tal-istokks li jikkonsistu minn pubblikazzjoni li saru mill-Kunsill snin ilu;

31.13. Konsiderazzjoni, approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti u Akkwist ta' Provisti u Servizzi;

31.14. Tmiem tal-laqgħa u data għas-seduta li jmiss.

## MOZZJONIJIET

**31.6. Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar, li tgħid:**

"Billi saret sejħa għal kwotazzjonijiet MLC 3/2021, skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), li tinvolvi l-introduzzjoni ta' skema komunitarja dwar manutenzjoni ta' komputers personali għal persuni li għandhom ir-residenza ordinarja tagħhom fil-lokalità tal-Mellieħa;

Billi saret evalwazzjoni mill-Kumitat tal-Evalwaturi tat-tliet kwotazzjonijiet sottomessi, assistita mill- kjarifiki mitluba mingħand l-offerent Multi-Net Co Ltd, skont il-minuti tal-istess kumitat tal-25 ta' Awwissu u l-14 ta' Settembru 2021;

Billi dan is-servizz ma kienx previst meta ġew approvati l-Estimi 2021;

Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jinħoloq vot apposta taħt il-kont 3380 dwar is-Servizzi Komunitarji sabiex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż relatati, filwaqt li għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent imsemmi bi spiża annwali ta' €4,7120 bil-V.A.T. inkluża.". (K/16)

Rebecca Bartolo Cutajar
**Kunsilliera (Proponent)**

Ivan Castillo
**Kunsillier (Sekondant)**

**31.10. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:**

"Billi r-Rapport Finanzjarju għas-Sena 2020, wara li saret il-verifika, ġie approvat fil-kontinwazzjoni tas-Seduta Nru. 29 tat-28 ta' Lulju 2021, liema dokument ġie mgħoddi lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika skont il-Proċeduri dwar Kunsilli Lokali (Verifika);

Billi r-Regolamenti dwar Gvern Lokali Lokali (Finanzi) L.S. 363.01 – Artikli 16, u 17 jipprovdu li għandu jitħejja Rapport Amministrattiv li: jagħti kont lill-Kunsill tal-finanzi tiegħu matul is-sena ta' qabel; filwaqt li jirrevedi r-riżultati ta' xogħol u finanzjarji miksuba kif mqabbla ma' l-għanijiet dikjarati, mal-pjanijiet u mal-baġit tal-Kunsill; u jinkludi dikjarazzjoni tad-dħul u l-infieq tal-Kunsill fis-sena li tkun għalqet u l-fondi miżmuma mill-Kunsill fl-aħħar tas-sena;

Il-Kunsill japprova r-Rapport Amministrattiv 2020 u għaldaqstant jawtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmawh u jagħmluh aċċessibbli għall-pubbliku skont kif mitlub fl-Artiklu 18 tal-imsemmija regolamenti.". (F/1/2/Vol VIII)

Dario Vella
**Sindku (Proponent)**

Emvin Bartolo
**Kunsillier (Sekondant)**

**31.11. Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera A. Brincat Stellini illi tgħid:**

"Billi fl-Ittra ta' Direzzjoni *(Management Letter)* għas-sena finanzjarja 2020, mibgħuta mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika ġie osservat li l-proġetti msemmija hawn taħt kellhom jitwarrbu minħabba deċiżjonijiet li ttieħdu, kemm mill-Kunsill, kif ukoll minn entitajiet oħra:

| Vot | Proġett |
|---|---|
| 7509 | LC Care Project – Park tal-Familja |
| 7524 | Restawr tat-Torri l-Abjad |

Il-Kunsill jirriżolvi li l-ispejjeż li laħqu saru fuq it-tfassil tagħhom m'għandhomx jibqgħu jidhru fuq il-kotba bħala spiża fuq assi li għadhom mhux kapitalizzati.". (F/1/2/Vol VIII)

Annabelle Brincat Stellini
**Kunsilliera (Proponent)**

Ivan Castillo
**Kunsillier (Sekondant)**

**31.12. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku J. Buttigieg illi tgħid:**

"Billi fl-Ittra ta' Direzzjoni *(Management Letter)* għas-sena finanzjarja 2020, mibgħuta mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika ġie osservat li hemm kontijiet li ntbagħtu diversi snin ilu u għadhom jidhru fuq il-kotba li huma:

| **Sena** | **Kreditur** | **Servizz** | **Ammont** |
|---|---|---|---|
| 2008 | Datanet Security Systems | Alarm Button fl-uffiċċju tal-Kunsill | €110.00c |
| 2017 | Chi Consultants Ltd | *Drain Sewer Pipe Inspection Camera Service* fi Triq ĠorġBorg Olivier | €413.00 |

Billi l-udituri kkumentaw li għadda żmien biżżejjed sabiex il-Kunsill jiddeċiedi x'isir minnhom;

Fid-dawl tal-fatt li l-kredituri msemmija ma baqgħux jinsistu fuq l-ammonti ndikati, filwaqt li d-debitu dovut ma jidhirx li ser jitħallas, il-Kunsill jirriżolvi li ċ-ċifri msemmija jinqatgħu minn fuq il-kotba.

Billi l-udituri nnutaw ukoll illi fil-kotba tal-Kunsill hemm l-ammont ta' €28,083 li huwa l-valur tal-istokk ta' kotba u CD's miżmum, hemm parti sostanzjali minnu materjal li ilu li ġie ppubblikat saħansitra qabel l-2002; u

Billi l-udituri kkummentaw illi l-possibiltà li dawn jinbiegħu hija waħda remota, il-Kunsill għandu jiddeċiedi kif ser jiddisponi minnhom;

Fid-dawl ta' dawn il-kummenti, il-Kunsill jirriżolvi li l-pubblikazzjonijiet li l-ismijiet tagħhom jidhru hawn taħt, għandhom jinqatgħu minn fuq il-kotba.

| Isem tal-Pubblikazzjoni | Livell tal-Istokk |
|---|---|
| Dati Storiċi | 88 |
| *Wartime Mellieħa* Vol I u Vol II | 134 |
| *Quest for Our Identity* | 1185 |
| Iz-Zija tal-Mellieħa | 1747 |
| Għanja ta' Ħajti | 75 |
| Imħabba fuq il-Għolja | 525 |
| *El Mellaha* CD | 117 |
| Imħabba fuq il-Għolja CD | 12 |
| Naħal tal-Imħabba CD | 81 |

John Buttigieg
**Kunsillier (Proponent)**

Marvin Abela
**Kunsillier (Sekondant)**